**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Lulju 2023**

**Rikors nru : 141/2020 AGV**

**MB**

**vs**

**CC**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' MB , li ppremettiet is-segwenti:-**

1. Illi minn relazzjoni li kellhom il-partijiet twieldu zewgt itfal li ghadhom minuri, SCB li twieled fis-sena 2008 u Sh, C B li twieldet fis-sena 2012**.**

2. Illi ghalkemm ir-relazzjoni tal-partijiet ilha li thassret ghal diversi snin, dejjem kien hemm ftehim bejn il-partijiet rigward aċċess mill-intimat ghall-minuri u tista' tghid li qatt ma kien ikun hemm dizgwid bejn il-partijiet.

3. Illi f'Ottubru 2019 l-intimat iddeċieda illi jintavola ittra ta'medjazzjoni bit-tama illi l-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju fuq kura, kustodja, aċċess u manteniment ghaz-zewg minuri.

4. Illi minn Ottubru 2019, l-intimat iddecieda illi l-minuri jibdew jghixu mieghu u ghalhekk, kontra r-rieda ta' l-istess minuri, l-minuri bdew jghixu fir-residenza tal-intimat.

5. Illi fil-11 t'Ottubru 2019, qabel ma l-partijiet kellhom l-ewwel seduta quddiem il-medjatrici, l-intimat intavola rikors sabiex jinhatar Avukat tat-tfal sabiex jigi determinat fejn se jghixu l-minuri u din il-Qorti, permezz ta' digriet datat 27 ta' Dicembru 2019, laqghat it-talba tal-intimat sabiex il-minuri jibdew jghixu ghandu kif ukoll :

> ***" Takkorda access tal-minuri versu l-omm skont il-ftehim milhuq fil-medjazzjoni, u aktar minn hekk tawtorizza 'sleepover' fi tmiem il-gimgha, darba mill-Gimgha fil-5:00 p.m sal-ghada s-Sibt fil-5:00 p.m, u d-darba ta' wara mis-Sibt sal-ghada l-Hadd fl-istess hinijiet."***

6. Illi permezz ta' rikors intavolat mill-esponenti datat... l-intimata talbiet sabiex l-esponenti tigbor lill-minuri mir-residenza tal-missier bejn it-Tnejn u l-Gimgha fil-07:30 u twassal lill-minuri l-iskola meta l-minuri jkollhom l-iskola, kif ukoll sabiex l-minuri jkollhom *sleep over* bejn l-Erbgha minn 02:30pm sa l-ghadha l-Hamis fejn ir-rikorrenti hija obbligata illi twassal lill-minuri l-iskola, f'kas illi l-minuri jkollha l-iskola u sabiex meta l-minuri ma jkollhomx skola matul il-gimgha, ir-rikorrenti tkun tista' tigbor lill-minuri mir-residenza tal-intimat fil-08:00 u fi tmiem l-access ir-rikorrenti twassal lill-minuri fir-residenza tal-intimat fil-03:00pm jew kif jispicca mill-impjieg fiss tieghu.

7. Illi permezz ta' digriet datat 29 ta' Mejju, 2020 din l-Onorabbli Qorti laqghat ghall-ewwel u t-tielet talbiet tal-esponenti u ghalhekk l-esponenti giet awtorizzata illi twassal lill-minuri l-iskola kif ukoll illi tigbor lill-minuri mill-iskola u meta l-minuri ma jkollhomx skola, l-esponenti tigbor lill-minuri mir-residenza tal-intimat fit-08:00am u l-esponenti twassal lill-minuri fir-residenza tal-intimat fit-03:00pm jew kif jispicca mill-impjieg fiss tieghu l-intimat.

8. Illi l-intimat jirrisjedi flimkien mal-partner tieghu, mil-liema partner l-intimat ghandu zewgt itfal ohra kif ukoll minuri ohra li l-partner tieghu ghandha minn ghand haddiehor. Illi bejn l-partner tal-intimat u l-esponenti, r-relazzjoni mhux tajba u effettivament kemm l-intimat, kif ukoll il-partner tieghu ghadhom sallum regolarment jitkellmu quddiem it-tfal minuri imsemmija, b' mod dispreggjattiv dwar l-esponenti omm il-minuri.

9. Illi l-minuri regolarment juru x-xewqa mal-esponenti illi huma jridu jghixu maghha u li ma jridux jibqghu jabitaw fir-residenza mal-intimat.

10.Illi kull darba li r-rikorrenti kellha bzonn lill-intimat sabiex dana jkun involut u jippartecipa fid-decizjonijiet li jolqtu t-trobbija ta' uliedhom minuri, huwa jew igibha bi kbira hafna jew sahansitra jirrifjuta li jigi involut u jirrifjuta li jiehu decizjoni, u dan b' detriment u bi pregudizzju tal-interess tal-istess minuri.

**<u>RAGUNI TAT-TALBA</u>**

1. Peress illi minn relazzjoni bejn il-partijiet twieldu zewgt ulied, twieldu zewg itfal li ghadhom minuri, SCB li twieled fis-sena 2008 u Sh, CB li twieldet fis-sena 2012.

2. Peress li r-relazzjoni bejn il-partijiet tkissret b’ mod irrimedjabbli ghall-ahhar ta’ Lulju 2017, l-esponenti rikorrenti telqet mid-dar fejn kienu qed jirrisjedu flimkien ma’ uliedhom, u l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien minn dak iz-zmien.

3. Peress li ma ntlahaqx ftehim bejn il-partijiet li jirregola s-setghat u l-obbligi taghhom bhala genituri versu uliedhom, u wara li nfethu l-proceduri ta’ medjazzoni u permezz ta’ digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti, tal- 27 ta’ Dicembru, 2019, gie ordnat inter alia li pendente lite, l-minuri jirrisjedu flimkien ghand l-intimat, filwaqt li gie akkordat access tal-minuri versu l-esponenti omm fi granet u hinijiet specifici, u permezz ta’ digriet ta’ dina Onorabbli Qorti, tat- 28 ta’ Mejju, 2020, gie ordnat sabiex l-esponenti omm tkun awtorizzata li twassal lill-minuri l-iskola kif ukoll illi wara l-hin tal-iskola, l-esponenti tkun obbligata illi tigbor lill-minuri mill-iskola, kif ukoll illi meta l-minuri SCB u Sh C B ma jkollhomx skola, l-esponenti tkun tista’ tigbor lill-minuri mir-residenza tal-intimat fit-08:00 u twassalhom lura ghand l-intimat fil-03:00pm jew kif l-intimat jispicca mill-impjieg fiss tieghu u peress li l-istess Qorti ddikjarat, permezz ta’ digriet datat 27 ta’ Mejju 2020 li l-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat li l-partijiet, jipprocedu b’ kawza kif ukoll illi permezz ta’ digriet datat 29 ta’ Lulju 2020, din l-Onorabbli Qorti estendiet it-terminu sabiex ir-rikorrenti tkun tista’ tipprocedi b’kawza.

4. Peress illi wara l-imsemmija digrieti, l-intimat ma ghamel l-ebda tentattiv sabiex ma jintlahaqx ftehim bonarju bejniethom li jirregola s-setghet u obbligi taghhom bhala genituri versu uliedhom.

5. Peress li z-zewg ulied minuri, dejjem trabbew mar-rikorrenti ommhom, filwaqt li l-intimat ftit li xejn kien ikun prezenti fil-hajja tal-minuri SCB u SH CB

6. Peress li l-intimat regolarment minflok juza’ l-hin li ghandu mal-minuri sabiex tinbena’ relazzjoni tajba bejn il-genituri u uliedu, u sabiex jiehu hsieb l-interess massimu ta’ uliedu, huwa jaghzel li juza’ tali hin b’ pika, u b’ opportunita’ li

jbezza' lil uliedu u jiddisprezza lil ommhom, u dan b' detriment u bi pregudizzju tal-interessi tal-istess minuri.

**TALBIET**

Illi jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tafda l-kura u kustodja legali taz-zewg ulied minuri tal-partijiet, S CB li twieled fis-sena 2008 u Sh C B li twieldet fis-sena 2012, f' idejn ir-rikorrenti.

2. Tiffissa retta alimentarja relattivament ghall-manteniment tat-tfal minuri SCB u Sh CB , liema manteniment ghandu jikkomprendi inter alia kontribuzzjoni lejn spejjez ghall-akkomodazzjoni ikel, sahha, edukazzjoni kurrikulari u extra kurrikulari, lbies, transport, u spejjez medici u tkun rivedibbli minn zmien ghal zmien tenut kont tal-izvilupp u trobbija tal-istess minuri.

3. Tikkundanna lill-istess intimat ihallas dik is-somma hekk stabbilita kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-istess tfal minuri, SCB u SH CB

4. Tordna illi l-imsemmi manteniment, ighola kull sena skont l-indici tal-oghli tal-hajja maghruf mill-awtoritajiet kompetenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, minn issa ingunt in subizzjoni.

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' C C li eccepixxa s-segwenti:-**

**1.**Illi l-esponent ma jaqbilx mal-allegazzjonijiet u mal-pretenzjonijiet imressqa mill-attrici fir-rikors promotor taghha, liema allegazzjonjiiet huma nveritiera minkejja li r-rikors huwa kkonfermat bil-gurament. Ghalhekk it-talbiet attrici ghadhom jigu michuda ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

2.Illi in sostenn ta'dan l-esponenti jiddikjara s-segwenti fatti li huwa jaf bihom personalment:-

1. Illi r-rikorrenti tipprova tpingi t-tibdil tar-residenza tal-ulied bhala decizjoni arbitrarja tal-esponenti u konvenjentement ma ssemmi xejn mit-

trawma li l-istess rikorrenti kienet ghaddiet lill-minuri minnha f' Ottubru 2019 liema incidenti kienu waslu ghall-intavolar tal-proceduri ta' Medjazzjoni;

2. Illi ladarba r-rikorrenti ppruvat tizvija bil-kbir lil din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti jaghmel referenza ghar-rikors b'urgenza li kien gie pprezentat f' Ottubru 2019 li fih l-esponeneti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-bdil fir-resideza tal-ulied wara li l-ulied kienu marru ghall-access ghadu fizikament morda b'reazzjoni ghat-trawma li kienet ghaddithom minnha r-rikorrenti u l-ex sieheb barrani taghha;

3. Illi kienu l-minuri stess li kienu qalu lill-esponenti bil-glied, vjolenza domestika u l-biza ta' vjolenza li kienu qieghdin jigu soggettati ghalihom l-minuri;

4. Illi fuq il-fatti tant inkwetanti li kinu sottomessi ghall-gudizzju ta din l-Onorabbli Qorti , l-istess Qorti kienet hatret Avukat tat-tfal sabiex tisma' lill-minuri u sussegwentement ghar-rapport tal-istess avukat tat-tfal, din l-Onorabbli Qorti bidlet ir-residenza tal-ulied;

5. Illi l-esponent dejjem zamm f'mohhu li minkejja kull ma kien gara , ir-rikorrenti kienet u tibqa' omm il-minuri u ghalhekk m'ghamel xejn biex ikisser lill-istess rikorrenti minkejja illi kien hemm bizzejjed li, fl-opinjoni umli tal-esponenti kien jimmerita li l-minuri jkollhom access ghall-ommhom ir-rikorrenti taht supervizjoni;

6. Illi l-esponenti jissottometti illi dak iz-zmien u cjoe' sena ilu biss, ir-rikorrenti ma kinetx f`qaghda tajba u kienet twerwer lit-tfal li anke tnehhi hajjietha b'ideja jekk ma jmorrux lura ghandha. Illum il-gurnata l-esponenti jirrikonoxxi li r-rikorrenti ghamlet progress kbir u m'ghadx ikun hemm dan

it-tip ta theddid. Madanakollu xorta wahda r-rikorrenti ghad m'ghandix residenza taghha (tant li l-indirizz tar-rikorrenti lanqas biss tnizzel fir-rikors promotur) ghad m'ghandiex introjtu taghha u stabbilita` f`hajjitha;

7. Illi min-naha l-ohra l-esponenti offra stabbilta` lill-uliedu fir-residenza tieghu ma` familtu u ghalhekk zgur li mhux fl-ahjar interess ta l-istess minuri illi jergghu jibdlu r-residenza u jitilfu dik l-istabbilita' li sabu;

8. Illi l-esponenti ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti waslet biex ghamlet allegazzjonijiet foloz fir-rikors guramentat taghha inkluz li r-relazzjoni bejn l-esponenti u s-siehba tieghu mhix wahda tajba jew li l-esponneti jirrifjuta li jippartecipa f`decizjonijiet li jirrigwardjaw lill-minuri b`determinazzjoni u bi pregudizzju tal-interess tal-istess minuri donnha nsiet ir-rikorrenti li propju kienet hi li minhabba xejn hlief pika u egoizmu taghha kwazi telfet opportunita tad-deheb lill-minuri iben il-partijiet biex jidhol f`skola prestigjuza tal-isports! Kemm dam jigri warajha biex tiffirmalu l-applikazzjoni ghaliex ma kienx hemm bizzejjed zmien biex jigi ntavolat rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti u minflok ikkooperat, ir-rikorrenti hadet l-opportunita' sabiex timponi numru ta kundizzjonijiet inkluz li hi ma thallas xejn mill-ispejjez relatati mal-isports. Dan kollu ser jigi ppruvat fil-mori tal-Kawza.

9. Illi huwa agir irresponsabbli tar-rikorrenti li tipprova tizvija lill-Onorabbli Qorti bil-mod kif ittentat taghmel fir-rikors guramentat taghha anke b'dikjarazzjonijiet inveritiera u bi progettazzjoni tan-nuqqasijiet taghha ghal fuq l-esponenti;

10.Illi ghal dawn r-ragunjiet u aktar kif ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza, l-esponenti umilment u bir-rispett jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti

ghandha tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez u tilqa' it-talbiet tal-esponenti kif dedotti fil-kontro-talba li qieghda ssir kontestwalment ma' din ir-risposta.

Daqstant ghadu x` jissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fic-cirkostanzi odjerni.

**Il-Qorti,**

**Rat il-kontro-talba ta` CC li ppremetta s-segwenti:-**

1. Illi l-partijiet kienu f`relazzjoni ghal diversi snin minn liema relazzjoni twieled l-minunri SCB u Sh C B . Kopji tac-certifikat tat-twelied annessi u mmarkati **DOK C1 U C2** rispettivament ;

2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet ilha li tkissret b`mod irrimedjabbli ghal zmien twil. Fil-fatt iz-zewg partijiet illum il-gurnata jinsabu f`relazzjonijiet ma` terzi. Madanakollu dejjem kien hemm ftehim fuq il-minuri. L-inkwiet beda meta l-intimata kienet bdiet tiffrekwenta lis-sieheb barrani taghha liema sieheb kienn ta' periklu ghall-minuri;

3. Illi filfatt hemm ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-eks sieheb tal-intimata wara li l-istess sieheb kien hedded lill-esponenti. L-istess ordni ta' protezzjoni kienet tispecifika illi t-tfal tal-partijiet ma setghux jithallew wahidhom mas-sieheb tal-intimata;

4. Illi filwaqt li l-esponenti sar jaf minghand il-minuri b`diversi incidenti ohra, kien hu ukoll ra b`ghajnejh stess lill-istess sieheb tal-omm issuq b` velocita' eccessiva imbaghad idawwar il-karozza fuq il-handbreak bil-minuri gol-karozza;

5. Illi l-esponenti dejjem iprova jzomm il-kwiet mar-rikorrenti omm u dejjem ikkonfronta lilha u lill-missierha sabiex jindirizzaw dawn l-incidenti;

6. Illi f`Ottubru tas-sena 2019, l-esponenti kien intavola proceduri b`urgenza li permezz tieghu, l-esponenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-bdil fir-residenza tal-ulied wara li l-ulied kienu marru ghall-access ghandu fizikament morda b`reazzjoni ghat-trawma li kienet ghaddithom minnha r-rikorrenti u l-eks sieheb taghha barrani;

7. Illi kienu l-minuri stess li kienu qalu lill-esponenti bil-glied, vjolenza domestika u l-biza ta Vjolenz li kienu qieghdin jigu soggettati l-minuri;

8. Illi fuq il-fatti tant inkwetanti li kienu sottomessi ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, l-istess Qorti kienet hatret Avukat tat-tfal sabiex tisma il-minuri u sussegwentement ghar-rapport ta l-istess avukat tat-tfal, din l-Onorabbli Qorti bidlet ir-residenza tal-ulied;

9. Illi l-esponent dejjem zamm f`mohhu li minkejja kull ma kien gara, ir-rikorrenti kienet u tibqa' omm il-minuri u ghalhekk m`ghamel xejn biex ikisser lill-istess rikorrenti minkejja illi kien hemm bizzejjed li, fl-opinjoni umli tal-esponenti, kien jimmerita li l-minuri jkollhom access ghall-ommhom ir-rikorrenti taht supervizjoni;

10.Illi l-esponenti jissottometti illi dak iz-zmien u cioe' sena ilu biss, ir-rikorrenti ma kienetx f`qaghda tajba u kienet twerwer lit-tfal li anke tnehhi hajjieta b'ideha jekk ma jmorrux lura ghadha. Illum-il gurnata l-esponenti jirrikonoxxi li r-rikorrenti ghamlet progress kbir u m' ghandux ikun hemm dan it-tip ta' theddid. Madanakollu xorta wahda r-rikorrenti ghad m'ghandix residenza taghha, u ghad m'ghandiex introjtu taghha u stabbilita' f`hajjitha;

11.Illi min-naha l-ohra l-esponenti offra stabbilta` lill-uliedu fir-residenza tieghu ma familtu dejjem ha hsieb is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, ha hsieb ukoll l-esigenzi madwar l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri u ra li ma halla lill-minuri nieqsa minn xejn;

12.Illi tant kemm ma kellux l-intenzjoni li jaghmel hsara lir-rikorrenti omm illi l-esponenti lanqas mxxa kif tippermettilu l-ligi sabiex igieghel lill-omm rikorrenti thallas manteniment adegwat ghall-bzonnijiet tal-minuri u l-grazzi ta dan kien propju rikors mimli allegazzjonijiet inveritieri;

Illi r-ragun ta' din it-talba hija illi l-esponenti qieghed jagixxi bhala missier idoneju filwaqt li r-rikorrenti omm mhix terfa` r-responsabbilta taghha ta genitur anzi ttentat tizvija lil din l-Onorabbli Qorti u taghmel hsara lill-istess esponenti u ghalhekk l-esponenti qieghed jghaddi sabiex jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tirregola l-aspetti relattivi ghall-minuri ulied il-partijiet;

**Ghaldaqstant** ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tordna u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri S u Sh CB esklussivament f`idejn l-esponenti;

2. Tordna illi r-residenza tal-minuri tkun esklussivament mal-esponenti;

3. Tordna lir-rikorrenti Omm thallas lill-esponenti dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigijiet tal-imsemmija minuri S u Sh

CB   u dan fis-somma li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti liema somma ghandha tinkludi ukoll sehem l-omm  mill-ispejjez relatati mas-sahha, edukazzjoni u attivitaijiet extra-kurrikulari tal-minuri;

4. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex japplikaw u/jew igedded il-passaport relativ tal-minuri minghajr il-kunsens , awtorizazzjoni jew il-firma tal-Omm.

5. Tirregola kwalunkwe access illi ghandu jkun ezercitat mill-omm ghall-minuri.

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti Omm li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

Il-Qorti,

Rat ir-**Risposta Guramentat ta` MB  fejn eccepiet is-segwenti:-**

1. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-ewwel kontro-talba sabiex l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun f`data f`idejn l-intimat. Illi kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza, ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi sabiex l-kura u kustodja tal-minuri tkun f`data esklussivament f`idejn parti wahda;

2. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-tieni kontro-talba sabiex ir-residenza tal-minuri tkun esklussivament mal-intimat. Illi kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-minuri qieghdin jirrisjedu flimkien mall-intimat kontra il-volonta’ taghhom u x-xewqa suprema tal-minuri hija illi huma jirrisjedu flimkien mal-esponenti ommhom;

3. Dwar it-tielet kontro talba jekk se mai, din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi l-minuri ghadhom jirrisjedu flimkien mal-intimat, jirrizulta illi r-rikorrenti

diga' qieghdha thallas manteniment ghall-minuri skond digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fl-ewwel udjenza;

4. Ir-rikorrenti rikonvenzjonata ma taqbilx mar-raba` talba u kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, ma hemmx raguni valida ghaliex din il-Qorti ghandha tawtorizza li l-passaport tal-minuri jkun jista' jiggedded jew li ssir applikazzjoni gdida minghajr il-kunsens tar-rikorrenti;

5. Illi ghar-rigward il-hames talba, jekk se mai din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talbiet tar-rikorrenti sabiex il-minuri jirrisjedi flimkien maghha, hija taqbel illi jkun hemm access adegwat ghaliha, liema access ghandu jkopri *sleepover* fil-weekends kif ukoll sleepovers ta' hames iljieli konsekuttivi fil-vaganzi kollha tal-minuri u cioe' tal-Mejtin, tal-Milied, tal-Karnival u tal-Ghid. Illi fix-xhur tas-Sajf u cioe f`Lulju, Awwissu u Settembru, il-minuri ghandhom jkollhom *sleepover* ghand ir-rikorrenti ghal seba' iljieli konsekuttivi kull xahar;

Illi t-talbiet tal-intimat ghandhom jigu michuda , bl-ispejjez kontra tieghu u minn issa qieghed jigi ngunt ghas-subizzjoni;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi fil-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**<u>FATTI</u>**

**L-attrici** kienet iltaqghet mal-konvenut minhabba li kien habib t'ohtha. Wara tlett xhur johorgu flimkien kienet harget tqila u wara li kellha hames snin tqala waqfet tahdem u dak iz-zmien kienet ghadha minuri.

Kienet baqghet tghix mal-genituri taghha. Bdiet tara differenza fil-konvenut meta beda jsuq ghaliex kien beda johrog wahdu u kien jiltaqa' ma' nisa ohra. Kienet anke tara ritratti tieghu man-nisa ohra minn fuq Facebook.

Kien hemm zmien fejn kienet gieli tmur torqod ghandu imma hafna drabi kien jitlaq u jhalliha wahedha u kienet tispicca tiggieled mieghu u ma' ommu ghax kienet taqbez ghalih.

Tghid li meta kienu johorgu flimkien kien jaghmel uzu minn sustanzi illeciti u minhabba f'hekk kienu hassru. Wara xi sena u nofs regghu rrangaw u xi hames xhur wara kienet harget tqila bit-tieni wild taghhom. Ghalkemm kien wieghdha li ser jinbidel ma kienx il-kaz ghaliex kien baqa'  johrog wahdu u jiffrekwenta nisa ohra.

Kien hemm problemi ta' fastidju da parti ta' missier il-konvenut fil-konfront taghha u wara li pprova diversi drabi biex jaghtiha fastidju ghax hafna drabi kienet tkun ghandhom wahedha ddecidiet li tghid il-konvenut li kkonfronta lil missieru. Tghid li kienet inqalghet glieda kbira u l-konvenut u ommu bkewlha sabiex ma taghmilx rapport u fil-fatt qatt m'ghamlitux.

Irrifjutat li tmur ghandhom izjed u peress li ommha ukoll dak iz-zmien kellha problemi ta' droga hi u l-konvenut iddecidew li jikru appartament u marret tghix hemm. Izda dak iz-zmien il-konvenut bil-kemm kien jersaq 'l hemm u kien ikun iktar id-dar t'ommu.

Wara li s-sitt xhur kera kienet skadiet, omm il-konvenut regghet riditha tmur lura u kienet marret ghal ftit, izda missier il-konvenut kien rega' beda jtiha fastidju u ddecidiet li ma tersaqx 'l hemm izjed.

Minn hawn kienu hassru u kien damu tlett snin b'arrangjament li l-konvenut seta' jara lit-tfal u anke jraqqadhom ghandu. Kien xorta baqa' jipprova jikkonvinciha sabiex jirrangaw, izda sadanittant it-tnejn li huma kellhom partner.

Kien beda jheddidha li jehodilha t-tfal u kien ighaddilha €50 fil-gimgha ghat-tfal. Imbaghad ghall-habta ta' Ottubru, 2019, kienet tat lit-tfal lill-konvenut ghall-weekend u meta marret biex tigborhom avzaha li kien ser jidhol il-Qorti biex izommhom u fil-fatt lanqas tajhomlha u kienet spiccat li jkollha tmur tarahom minn wara l-grada jew minn barra tal-karozza u l-konvenut kien jehodilha c-cwievet sakemm kienet tkellimhom.

Il-Qorti kienet appuntat avukat tat-tfal u sa dak iz-zmien li ltaqghet maghhom kienu ghaddew xahrejn u ma kinitx rat it-tfal. F'Dicembru, 2019 kien inhareg digriet fejn il-Qorti ordnat li t-tfal ighixu mal-konvenut u jkollha access kull nhar ta' Tlieta u Hamies u bi sleepover il-weekend b'mod alternat. Kien iddispjaciha hafna u tghid li l-konvenut kien ghamel hafna pressjoni fuq it-tfal kif ghandhom jitkellmu quddiem l-avukat tat-tfal.

Fil-medjazzjoni kienu ftehmu li traqqad it-tfal maghha anke nhar ta' Erbgha, izda malli hargu l-konvenut irrifjuta. Spiccat li kellha taghmel rikors u llum l-access qed jigi ezercitat kuljum bejn it-8 am sat-3 pm meta t-tfal ma jkollhomx skola u sleepover fil-weekend.

It-tfal huma mdejjqin ma' missierhom u jibku biex jibqghu maghha. Tghid li missierhom bil-kemm ikun hemm u jispiccaw mal-partner tieghu mat-tlett itfal taghha.

L-attrici tikkonferma li tippartecipa bl-iktar mod shih fit-trobbija tat-tfal u anke fl-attivitajiet taghhom. Tghid li meta tmur tarah il-futbol it-tifel dejjem ikun mal-partner tal-konvenut jew man-nanniet paterni.

**Il-konvenut** jikkonferma li l-attrici u uliedhom kienu ghamlu hafna zmien ighixu mal-genituri tieghu. Meta kienu jargumentaw kienet tmur torqod bit-tfal ghand il-genituri taghha l-Birgu.

Jikkonferma li kien ighaddilha €100 fix-xahar ghal kull minuri. Ighid ukoll li meta kienu jghixu mal-genituri tal-attrici, kienet tatih lit-tfal mill-Gimgha sal-Hadd filghaxija u gieli kienet anke thallihom sat-Tlieta sabiex ikun jista' jiehu lit-tifel ghal-lezzjonijiet tal-futbol. Kien jiehu lit-tfal ukoll ghal tlett sieghat matul il-gimgha.

Jistqarr li kien hemm drabi fejn l-attrici kienet iccempel u titlob lilu jew lil ommu sabiex jiehdu lit-tfal l-iskola. Kienet kemm il-darba titfi l-mobile meta t-tfal ikunu maghha, tant li kien ikun difficli kieku biex jikkomunika maghha f'kaz ta' emergenza.

Kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn l-attrici kienet tiehu lit-tfal tard l-iskola u l-kap tal-iskola kienet wissithom. Kien hemm okkazzjoni fi Frar, 2018, meta  l-istess Kap kienet zammet lit-tfal talli waslu tard u l-ghada n-nanna materna taghhom kienet marret u attakkat il-kap tal-iskola, tant li l-incident gie rrappurtat fil-media.

Il-konvenut ikompli jispjega li l-attrici u l-familja taghha huma nies vjolenti u kien hemm incidenti l-attrici ppruvat taggredixxi lis-siehba tal-konvenut. Jinkwieta ukoll li t-tfal ikunu man-nanna materna peress li din tiehu d-droga u dan gie kkonfermat mill-attrici stess.

L-affarijiet qalbu ghall-aghar meta l-attrici bdiet relazzjoni ma' persuna ohra u kien dahal ighix maghhom. F'Ottubru 2019, it-tifla kienet fethet qalbha mieghu li kienet bezghet peress li l-attrici u s-sieheb taghhom kellhom xi jghidu u gew fl-idejn. Minn dakinhar iddecieda li jzomm it-tfal mieghu biex ikun fis-sikur. Kienu qalulu ukoll li s-sieheb tal-attrici kien ipprova jdendilhom mill-gallarija, izda skond l-attrici dan kien qed jiccajta biss.

It-tfal kienu anke jorqdu fis-sodda go nofshom u l-attrici kienet izzomm sikkina hdejha u kienet tghidilhom li jekk ma joqoghdux kwieti kienet ser twegga' lilha nnifisha. Kien hemm okkazzjoni wahda meta t-tfal irritornaw lura d-dar u kienu sabu lis-sieheb t'ommhom gharwien fis-sodda.

Kien induna ukoll li meta t-tifel kien jilghab bil-Playstation 4 u jgibu ghandu kienu jitilghu hafna websites bil-Bulgaru fejn kienu jidhru hafna nisa gharwenin.

Jispjega li gurnata qabel mat-tfal kellhom jiltaqghu mal-Avukat tat-Tfal, l-attrici ppruvat tghidilhom x'ghandhom ighidu u t-tifel irrifjuta u qal li ser ighid il-verita' u kien irnexxielu jirrekordjaha. Meta hargu mil-laqgha, l-attrici kienet bdiet tghajjat maghhom u t-tifel kien cempillu. Minkejja li kien talab l-intervent tal-pulizija ma setghux ighinuh peress li ma kienx imissu maghhom.

Fil-vaganzi tas-sajr jipsjega li l-attrici kienet thalli lit-tfal mieghu ghal tul taz-zmien u gieli anke ghamlu xahar  mieghu, basta li kien ighaddilha l-manteniment taghhom. Ma kinitx ikkontribwit meta ddecieda li jhallsilhom il-privat fis-sajfu dejjem kienet iggib l-iskuza li ma tahdimx, izda qatt ma ghamlet sforz biex tahdem. L-istess kienet ghamlet meta ried japplikalu ghall-iskola sports u spicca hallas l-applikazzjoni hu, ghalkemm it-tifel ma ntghazilx. Jispjega li t-tifel irid jiehu karriera ta' footballer professjonali u ghalhekk ihallaslu kollox relatat mal-football.
Wara li nhareg id-digriet li t-tfal ghandhom imorru jghixu mieghu, kienu ghadhom taht trawma u dan skond il-parir tat-tabib. L-attrici kienet irrifjutat li taghtih l-uniformijiet u l-basktijiet tal-iskola tat-tfal, tant li spiccaw li ghamlu zmien ma marrux skola, izda da parti tieghu kien jikkomunika mal-ghalliema biex jassikura ruhu li kienu qed jaghmlu xogholhom.

Isemmi li meta t-tifla ghamlet l-Ewwel Tqarbina, kien hallas ghall-festin hu u kienet is-siehba tieghu li organizzat kollox. L-attrici kemm attendiet biss.

Ragunijiet ohra ghaliex ma jhossx li t-tfal ghandhom imorru m'ommhom huwa minhabba li jpejpu quddiem it-tfal u jilbsu b'mod indicenti, kif ukoll l-attrici titkellem hazin quddiem it-tfal meta tkun qed tirreferi ghall-ommu u ghas-siehba tieghu.

Inkwiet iehor ghalih huwa l-fatt li ma jzommhux dixxiplina maghhom. Jara lit-tifla titfa' t-tiktoks b'ilbies mhux dicenti u bil-make up u dwiefer twal. Ma hemm ebda kontroll u lanqas ghall-hinijiert tal-irqad mentri hu jzommilhom.

Ighid ukoll li l-attrici tkun trid tiehu lit-tfal fil-granet li ma jibghathomx skola peress li jkunu ma jifilhux.

Il-konvenut ipprezenta l-FS3 tieghu tas-sena 2021[1]u l-ahhar erba' payslips tieghu.[2]

**Charmaine Eshouth** ghan-nom tal-iskola medja fil-Kullegg Santa Margherita, Bormla xehdet dwar it-tifel Svenson u kkonfermat li tul is-sena l-livell tat-tifel baqa' dak ta' track 2, fejn l-oghla livell huwa Track 3.

**Lorraine Schembri**, Head School Primarja Birgu, xehdet dwar il-minuri Shaznea u tiddeskriviha bhala tifla maghluqa fiha nnifisha u kwieta hafna. Bhala progress edukattiv, tghid li trid tahdem iktar u kienet ghadha qed tahdem karti alternattivi mhux main papers.

Tghid li altrimenti t-tifla tigi nadifa l-iskola u gieli kienet tasal xi ftit tard. Tghid ukoll li kien hemm zmien li kienet intitolata ghall-iskema 9 fejn il-Gvern ihallas ghal-lunch tat-tifla, l-uniformijiet u flus ghall-photocopies. Illum mhix certa jekk ghadhix tapplika dina l-iskema pero' kkonfermat li l-minuri ggib l-ikel maghha mid-dar.

Ix-xhud ikkonfermat li meta t-tfal kienu mal-attrici kienu jaslu tard l-iskola u darba kien hemm l-assistant head li rrabjat maghhom u spicca li giet in-nanna materna u bdiet ittiha, li spiccat b'ugigh f'ghonqha, tant li kellha taghmel sentejn acupuncture. Kienet trawma ghaliha.

Sakemm it-tfal damu mal-konvenut ma kienux qed imorru tard l-iskola u kienu jkunu nodfa, ghax mal-attrici kienu jkunu ftit traskurati.

Tghid li peress li hafna drabi t-tifel kien jidhol irrabbjat l-iskola kienet idahhlu fl-ufficcju u kienet izzommu maghha sakemm kien jikkalma, imbaghad kienet tibghatu fil-klassi.

Kienn hemm xi tlett xhur meta t-tfal m'attendewx skola u skond il-missier peress li l-kura u kustodja kienet tat-tnejn, kien jibza' li l-attrici tmur ghalihom u tehodhom.

**PC 2137 Cleofa Falzon** ipprezentat diversi rapporti li saru minn entrambi l-partijiet.[3]

**CB** , oht l-attrici tghid li hija vicin hafna tal-attrici u tiftah qalbha maghha. Kienet taf li bdiet tohrog mal-konvenut u ftit wara kienet qed tistenna tarbija. Bhala relazzjoni tistqarr li ma kinitx wahda stabbli ghaliex il-konvenut kien ihalliha hafna wahedha u kien johrog wahdu u gieli anke mar ma' nisa ohra.

Ikkonfermat ukoll li meta l-kontendenti marru jghixu mal-familja tal-konvenut, l-attrici kienet iddejqet peress li missier il-konvenut kien jaghtiha fastidju. Minhabba l-glied li kellhom minhabba missier il-konvenut, spiccaw li krew post, izda dan ikkrea izjed problemi ghall-partijiet ghaliex l-attrici kienet prattikament dejjem wahedha bit-tfal. Kienet icemplilha peress li kienet tkun imdejjqa.

Izid tghid li l-attrici dejjem riedet trabbi lit-tfal go familja u li ma maritx tahdem sabiex tkun tista' tiehu hsiebhom u fil-fatt kienu jhobbuha hafna.

Tispjega li t-tfal kienu mdejjqin ma' missierhom u kienu jibku lil ommhom sabiex jergghu jmorru lura.

**MB** omm l-attrici tikkonferma ukoll li bintha kienet tghix ghat-tfal u ma kinitx sorpriza meta saret taf li kienet tqila ghax minn dejjem kellha l-hsieb li ssir omm ta' eta' zghira. Tikkonferma ukoll li r-relazzjoni taghhom ma kinitx wahda stabbli u kienu jiggieldu hafna specjalment peress li l-konvenut kien johrog hafna wahdu.

Tghid li l-attrici kienet dejjem iddedikata ghat-tfal u kien biss il-konvenut li ddecieda li jrid jallontanaha mit-tfal meta hassru.

**KB** , prezentement hija l-partner tal-konvenut u flimkien ghandhom zewgt itfal. Tikkonferma li l-konvenut huwa missier responsabbli li dejjem ipoggi l-interessi tat-tfal qabel tieghu.
Tghid ukoll li kien jiehu interess hafna fl-edukazzjoni taghhom u anke hi kienet tghinu. Meta marru parents day kien hemm xi ilmenti minghand l-ghalliema, li per ezempju t-tifel ma kienx jattendi l-iskola, imbaghad kien jidher fuq Facebook fuq xi post t'ommu li qed jigri barra u mhux minnu li ma jiflahx.

L-ghalliema kienet qaltilhom ukoll li l-homework ma kienx isir bil-kitba tat-tifel. Tghid ukoll li kellha titlob lill-attrici tghaddilha l-kotba sabiex tkun tista' tistudja mat-tifel peress li l-attrici ma kinitx taghthomlhom.

Tikkonferma ukoll il-verzjoni tal-konvenut li kien jaghmel mezz sabiex jibghat lit-tfal ghall-privat, imbaghad l-attrici ma tibghathomx.

Presentment qed ihallsu €10 ghal-lezzjoni li jaqsmu bejniehtom il-partijiet.

Izzid tghid li l-konvenut jinkwieta fuq il-fatt li t-tifel minuri kien rah trab abjad mifrux fuq il-komodina u kien ha ritratt u l-konvenut kien ghamel rapport mal-pulizija. Kienu dahlu s-social workers fil-kaz tghid.

Tishaq li l-konvenut jinkwieta anke fuq l-ikel li taghtihom l-attrici li mhux tajjeb ghalihom u huwa ftit. Kellu xi jghid ukoll mat-tifel peress li ma kienx irid jinhasel, anke wara l-futbol.

Hemm problemi bil-finanzi ghaliex l-attrici ma tkunx trid thallas xejn u jispicca jhallas kollox hu.

Ricentement tghid li t-tfal regghu qed ighixu mal-attrici u meta t-tfal imorru ghand il-konvenut, ma tantx jitkellmu, jew jibqghu fuq il-mobile. It-tifel ikun nervuz u rrabjat u gieli jsabbat u jghajjat.

Dwar il-futbol tghid li l-konvenut ihallas €375 ghat-training u hemm €300 ohra ghall-iskola privata tal-goal keeper ta' Mario Muscat. Ikun prezenti hafna mid-drabi ghat-training anke jekk ma jkollux access.

**Elizabeth Tagliaferro Bowman** bhala katekista tat-tfal tal-partijiet tghid li l-minuri huma tfal kwieti hafna u dejjem attendew regolarment ghal-lezzjonijiet anke meta kienu jsiru online minhabba l-Covid. Tghid ukoll li

l-ġenituri kienu jattendu regolarment għal-laqgħat tal-Preċett jew Grizma u apparti minnhekk dejjem kienu mizmumin tajjeb.

**Pauline Bowman**, katekista tat-tfal ukoll tikkonferma li huma tfal kwieti hafna. Peress li hija katekista tat-tifla tghid li kemm damet tghallimha qatt ma semghet lehinha, minkejja li dejjem tipprova. Tghid ukoll li l-genituri kienu jattendu ghal-laqghat izda qatt  ma kienet indirizzat il-problema maghhom.

**Dr.Etienne Grech** kien tabib personali tal-partijiet u kkonferma li xi sentejn ilu kien hareg certifikat fuq it-tfal li kienu qed ibatu minn "traumatic agitation " ghalkemm ma setax jiftakar id-dettalji.

**Johann Cilia,** kowc tat-tifel Z  jikkonferma li t-tifel jattendi regolarment ghat-training tal-futbol, hlief xi kultant ikun hemm raguni li  ma jistax jattendi, imma dejjem tah gustifikazzjoni. Jikkonferma ukoll li l-minuri jimmissja gurnata wahda training ghaliex jattendi skola privata ta' goalkeeper.

Issoltu kien jiehu hsieb il-konvenut, izda dan l-ahhar iktar jara lill-attrici peress li jidher li qed ikun maghha iktar. Spejga ukoll li t-tifel kien intghazel man-Nazzjonal ta' futsal, izda kienet inqalghet problema peress li ma kienx jattendi ghat-training b'mod  regolari u l-kowc tan-nazzjonal ried iwaqqghu. Kien min jeddhu spejgalu biex itih cans peress li kien hemm problemi familjari, pero' t-tifel kellu potenzjal u opportunita' u kienet hasra jekk jitlifha. Izid ighid li recentement pero' l-attendenza tjiebet.

Mario Muscat, kowc tal-goal keeping tat-tifel minuri, ighid li issa t-tifel qieghed jattendi ghat-training regolarment, imma qabel kien hemm

problemi ghaliex kien jattendi t-Tlieta u dakinhar kellu committments ohra. Spicca mbaghad biddel il-gurnata u kollox kien sew.

Dwar il-kit sakemm kien qed jixhed ighid li l-kit il-gdida kienet ghadha ma nxtratx.

**PC** omm il-konvenut, tispjega li binha dejjem stinka ghall-familja minn meta sar jaf li l-attrici kienet qed tistenna tarbija. Kien imexxi vann bil-haxix u kellhom hanut fejn kienet tmur l-attrici tbiegh il-haxix, izda kellu jzarma ghaliex l-attrici ma riditx tahdem.

Tghid ukoll li meta twieled it-tifel Svenson, omm l-attrici hadithom ghand avukat fejn il-konvenut kellu jiffirma karta sabiex ihallas €100 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri.

Tikkonferma li l-konvenut dejjem hallas ghall-bzonnijiet tat-tifel u dejjem kien jaghmel hiltu sabiex ikun prezenti f'hajjithom u dejjem organizzalhom xi festin jew xi harga.

Tispjega li sakemm bdew il-proceduri, it-tfal kienu jkunu hafna ma' missierhom u dan ghaliex l-attrici kienet tmur ghat-tfal fil-gimgha li suppost il-konvenut kien itiha l-manteniment u kienet terga' tehodhom il-gimgha ta' wara u ddum ma tmur ghalihom ghall-gimghat.

Minhabba f'hekk kienet tikkomunika ta' spiss mal-attrici u tikkonferma li kien hemm okkazzjonijiet fejn l-attrici kienet tghidilha biex ma tibghatx lit-tfal l-iskola.[4]

Tikkonferma ukoll li l-kap tal-iskola kienet twisshom peress li kien hemm drabi fejn it-tfal kienu jaslu tard l-iskola.[5]

Tikkorrobora l-verzjoni tal-konvenut li t-tfal ma kinux kuntenti jghiixu mal-attrici u s-sieheb taghha peress li kienu jiggieldu hafna, anke fizikament u kienu jikkomunikaw mal-konvenut sabiex imur ghalihom.[6]

Meta t-tfal marru jghixu mal-konvenut kienu kwieti hafna u t-tifla minuri lanqas biss kienet titkellem. Meta haduhom ghand it-tabib kien qalilhom li t-tfal ghaddew  minn trawma. Minn mindu baqghu ghandhom iktar bdew jifthu qalbhom maghhom u anke l-Kap tal-iskola kienet tghid li t-tfal kienu jidhru iktar kuntenti u nodfa u kien ikollhom lunch maghhom dejjem.

L-istess konvenut ma kienx icahhad lill-attrici minn uliedha u kien jistiedinha anke ghall-festini li kien jorganizza ghat-tfal[7] u dejjem ra kif ghamel biex jissapportja lit-tfal.Kien anke rnexxielu jikkontrolla l-glied bejn it-tfal, izda malli t-tfal regghu marru mal-attrici regghu bdew. L_inkwiet taghha huwa li peress li l-familja tal-attrici huma t-tip li jkollhom xi jghidu anke bejniethom, bhal meta l-attrici, oht l-attrici u l-gharus taghha hebbew ghall-konvenut u kienu spiccaw ghamlu rapport kontrihom. Kienet fil-fatt inharget garanzija.[8]

Tinkwieta li t-tfal minuri qed jirreagixxu hekk minhabba li jaraw dan il-glied u zzid tghid li meta jkunu ghandhom hafna drabi t-tfal jitilghu f'kamrithom u ma jkellmuhomx u meta jkun hemm il-Qorti iktar jidhol f'qoxrithom. Ukoll tara li t-tifla li sakemm kienet qed tixhed kellha hdax-il sena ma kinitx qed tilbes decenti u kienet tipprova tigbdilha l-attenzjoni, izda kienet tirrifjuta li tisma' minnha. Kienu anke marru lura fl-iskola.

Tichad ukoll l-allegazzjonijiet li ghamlu l-attrici u anke t-tfal fil-konfront taghhom, precisament li missier il-konvenut ittanta lit-tifla u li kienet qalet lit-tifel li riedet toqtlu.

Omm il-konvenut tishaq li l-konvenut iddedika hajtu ghall-uliedu u hafna mill-access tieghu jkun biex iwassal lit-tfal ghall-attivitajiet extra-kurrikulari jew biex jattendu l-Muzew. Jipprova ma jhallihomx neqsin u jekk ghamlu l-Precett jew il-Grizma organizzalhom festin.[9]

Fl-ahhar omm il-konvenut tammetti li jghinu lill-konvenut finanzjarjament peress li ghandu hafna spejjes tat-tfal u ma jlehhaqx bil-paga tieghu.

**Saviour Theuma**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta informazzjoni dwar il-beneficcji li tircievi l-attrici u dan ghal dawn l-ahhar sentejn. F'sena hadet beneficcji fl-ammont ta' €7500.[10]

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**KURA U KUSTODJA**

F'dan il-kaz il-kura u kustodja tal-minuri minn dejjem kienet wahda kumbattuta, pero' fl-istess waqt dejjem intlahaq xi tip ta' arrangjament bejn il-partijiet.

Kien hemm perjodu meta l-kura u kustodja, fuq parir tal-Avukat tat-Tfal Dr.Tanya Sammut giet fdata lill-konvenut, fejn imbaghad dan l-istess digriet rega' gie revokat u ghal darb' ohra fuq parir tal-Avukat tat-Tfal, il-kura u kustodja regghet giet fdata lill-attrici.

Fic-cirkostanzi meta l-attrici kienet tilfet *pendente lite* l-kura u kustodja tal-minuri, dan kien perjodu fejn kienet qiedgha f'relazzjoni ma' wiehed Bulgaru, fejn ir-relazzjoni taghhom kienet pjuttost vjolenti u t-tfal kienu xiehda ta' glied u anke swat li waslu sabiex jigu ttrawmatizzati skond kif ikkonferma t-tabib tal-familja taghhom Dr.Etienne Grech li kienu qed ibatu minn "traumatic agitation." Illum l-attrici m'ghadhiex f'relazzjoni ma' dina l-persuna.

F'dak il-perjodu, jirrizulta li kien hemm ukoll problemi f'dak li jirrigwarda l-iskola ghaliex l-attrici kienet twassalhom tard u kemm il-darba l-Head tal-iskola kienet twissihom u dan anke wassal ghall-incident fejn in-nanna materna tat-tfal marret thebb ghaliha u damet bil-problemi u dan wara l-istess Head kienet zammet lit-tfal fl-ufficcju taghha wara li waslu tard.

L-istess Head tal-iskola Lorna Schembri tikkonferma li fi zmien li kienu m'ommhom l-attrici gieli kienu jkunu traskurati t-tfal u anke kienu taht

Skema 9 fejn hafna mill-ispejjes tal-iskola, kif ukoll il-*lunches* kienu koperti mill-Gvern. Pero' llum ma kinitx certa jekk dina s-sistema kinitx ghada tapplika, izda setghet tikkonferma li t-tfal igibu l-ikel mid-dar.

Kien hemm perjodu ukoll fejn tghid li waqt li t-tfal kienu ghand missierhom, ghamlu xi xahrejn ma jattendux skola u dan peress li kien jinkwieta li l-attrici kienet tmur u tehodhom. Dan huwa kkonfermat mill-konvenut, pero' jghid li kienu in kuntatt kontinwu mal-iskola u l-ghalliema kkoncernati sabiex izommu ruhhom aggornati bix-xoghol tal-iskola.

Huwa minnu ukoll li l-istess Head tikkonferma li minn mindu t-tfal qedghin ma' missierhom m'ghadhomx ikunu daqshekk traskurati, pero' fl-iskola akkademikament ma kinux mixjin 'l quddiem u kellhom bzonn l-ghajnuna.

Kien hemm allegazzjonijiet ukoll li n-nanna materna kellha xi problemi bid-droga u dan huwa kkonfermat mill-attrici stess li kien hemm perjodu fejn ommha kienet tabbuza mid-droga u ta' dan l-istess Qorti tikkoncerna ruhha.

Madanakollu, rega' nqalleb kollox wara li l-Avukat tat-tfal regghet tkellmet mat-tfal u konsegwentement gew fdati f'idejn l-attrici. Mill-istess rapport gie rrakkomandat li t-tfal minuri urew ix-xewqa li jmorru lura ma' ommhom, ghaliex ma kinux kuntenti jghixu ma' missierhom, li joqghod ghand il-genituri tieghu, flimkien mas-siehba tieghu, iz-zewgt itfal li ghandhom flimkien, kif ukoll ma' minuri ohra li ghandha s-siehba tieghu minn relazzjoni ohra. Jirrizulta ukoll li jghix xi ziju ukoll.

Skond ma gie miftiehem mit-tfal, ir-relazzjonijiet ma' ulied missierhom mhux dejjem tajbin u minflok iqattghu hafna hin ma' missierhom iktar ikun hemm is-siehba tieghu prezenti.

L-attrici tilmenta ukoll li kien hemm problemi meta kienet tghix ghand il-konvenut, fejn missieru kien jaghtiha fastidju u l-istess allegazzjoni saret mit-tifla minuri ukoll. Dan iwassal ghall-tahsib ghal dina l-Qorti, fejn

entrambi l-genituri mhux qed joffru dik l-istabbilita' certa u sigurta' li jisthoqqilhom it-tfal diment li jibqghu jghixu man-nanniet.

Il-Qorti tqis ukoll li hemm wisq nies ighixu fid-dar tal-konvenut, fejn l-istess minuri possibilment ihossuhom li jridu jikkompetu sabiex isibu posthom fil-familja l-ohra li ghandu l-konvenut.

Ciononostante, il-Qorti zgur ma tistax ma tapprezzax li l-konvenut jinvolvi ruhu f'dak li jirrigwarda l-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tfal u tammirah talli baqa' jinsisti sabiex it-tifel minuri jibqa' involut fit-tim nazzjonali tal-Futsal u dan meta ra fih potenzjal. L-attrici da parti taghha m'ghamlet xejn biex tinkoragga lill-minuri, possibilment sabiex ma tidholx xi spejjes ulterjuri. Il-konvenut refa' fuqu l-piz u sewwa ghamel ghaliex dawn l-ispejjes mhumiex piz, izda investiment fil-futur tat-tfal.

Il-Qorti taghraf illi skond il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija regolata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal u l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal. Fis-sentenza **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru, 2003 intqal illi:-

***"apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti "in subjecta materia," li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din ix-xorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u "de facto" li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut…."***

Skond is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Frar, 2018:-

***"Il-Qorti ghaldaqstant, ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u kustodja tal-minuri***

***u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodici Civili. Illi kif kellha l-okkazzjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-drittijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna huwa 'l fuq iccitata."***

Tenut kont tal-fatt, li llum l-attrici m'ghadhiex f'relazzjoni mat-terza persuna Bulgara li kkaguna tensjoni fil-familja, tenut kont tal-fatt li l-minuri mhumiex kuntenti jkunu fid-dar tal-konvenut u li jqattghu inqas hin mieghu u li l-attrici llum ghandha l-post taghha, dina l-Qorti wara li qieset sew l-interessi tal-minuri, thoss li l-kura u kustodja ghandha tkun esklussiva ghall-attrici, pero' tissollecita lill-partijiet sabiex kemm jista' jkun jevitaw piki bejniethom li huma biss ta' detriment ghall-uliedhom u ghandhom biss ikomplu jikkooperaw bejniethom u jidher li minkejja li kien hemm diversi ntoppi tul iz-zmien, kapaci jaghmlu dan. Fil-fatt, gie kkonfermat mill-Katekisti, mill-Head tal-iskola u anke mill-kowc tal-futbol, li l-genituri dejjem attendew ghal-laqghat u dejjem ikkooperaw.

**<u>ACCESS</u>**

Bid-digriet ta' dina l-Qorti datat 15 ta' Settembru, 2021 l-access lejn il-konvenut gie deciz li ghandu jigi ezercitat kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn it-3.30 pm u s-7.30 pm u fi tmiem il-gimgha, b'mod alternat darba mill-Gimgha fil-5 pm sas-Sibt fil-5 pm u darba mis-Sibt ghall-Hadd fl-istess hinijiet. [11]

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-verbal taghha tal-14 ta' Novembru, 2022, fejn il-partijiet ftehmu ukoll illi kull nhar ta' Tlieta t-tifla minuri Shaznaya titwassal ghall-privat mill-attrici fl-4pm mentri t-tifel Svenson jitwassal ukoll mill-omm sar-residenza tal-missier fl-istess hin. Il-

konvenut ghandu mbaghad iwassalhom lura fir-residenza tal-attrici fit-8pm.

Il-partijiet qablu ukoll li l-access ghandu jizdied ukoll ghall-Erbgha bejn it-15.00 hrs sat-20.00 hrs.

Jirrizulta mill-provi li l-konvenut mhux qed jikkontesta tali access jekk kemm il-darba ma jinghatax il-kura u kustodja tal-minuri.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti thoss li jekk kemm il-darba ntlahaq ftehim li qed jimxi bejn il-partijiet ghandu jibqa' jigi adottat sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod iehor meta tinqala' biss in-necessita'.

Il-Qorti fid-dawl ta' kif zvillupaw l-affarijiet theggeg lill-partijiet sabiex kemm jista' jkun jevitaw il-piki f'dan il-kuntest tal-access ukoll u kemm jista' jkun ikunu prezenti ghall-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tfal.

**<u>MANTENIMENT</u>**

B'digriet ta' dina l-Qorti datata 29 ta' Novembru, 2022, gie ordnat li l-konvenut ghandu jhallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €450 fix-xahar, liema somma tikkomprendi fiha nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Il-konvenut qed jikkontendi li dina s-somma ghandha titbaxxa peress li essenzjalment it-tfal minuri jkunu mieghu ghal hafna hin, kif ukoll li l-mezzi tieghu ma jippermettux li jhallas tali ammont.

L-attrici da parti taghha qed tikkontendi li apparti dan l-ammont ta' alimenti li gie ordnat minn dina l-Qorti fid-digriet fuq imsemmi, mieghu ghandu jizdied li l-konvenut ihallas ukoll ghan-nofs l-ispejjes extra-kurrikulari li jikkonsisti l-iktar fi zfin ghat-tifla minuri u l-futbol ghat-tifel minuri.

Skond l-Artikolu 19 biex jigi kkalkulat il-manteniment irid jittiehed in konsiderazzjoni il-mezzi ta' min hu obbligat ihallas manteniment u l-bzonnijiet ta' min qed jippretendi li jircievi manteniment.

Ghandu jinghad li l-attrici ghamlet perjodu qasir fejn kienet tahdem u llum tghix bil-beneficcji socjali, fejn apparti c-childrens allowance tircievi beneficcji ohra.[12]

Il-konvenut illum biddel l-impjieg tieghu peress li kien iddejjaq bhala *delivery man,* pero' ma kienx hemm tibdil fl-introjtu tieghu. Jirrizulta li l-paga tieghu bhala Assistant Clerk 2 kienet ta' cirka €1000/€1200 fix-xahar.[13] Prezentement il-konvenut jahdem bhala messaggier full time fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u dan sa minn April 2022.[14] Ghalhekk ma gewx ipprezentati FS3's ohra tas-sena 2022 peress li kien ghadu jahdem band'ohra, pero' jikkonferma li l-paga kienet pjuttost baqghet l-istess.

Minn Settembru, 2022 il-partijiet kienu qablu li ghandha tizdied gurnata u cioe' l-Erbgha li fiha ukoll il-konvenut ghandu jezercita l-access ghall-minuri. Dan ifisser li prattikament, it-tfal iktar ikunu mal-konvenut milli mal-attrici u konsegwentement il-Qorti tifhem il-pretenzjoni tal-konvenut li l-manteniment m'ghandux jizdied iktar milli hu.

Jirrizulta ukoll li l-konvenut minn dejjem hallas ghal diversi spejjes tat-tfal, bhal organizzalhom festin ghall-Precett jew ghall-Grizma. Kien ukoll ihallas l-ispejjes tal-futbol tat-tifel. Dan iwassal lil Qorti biex tqis li l-konvenut qatt ma fittex ma' uliedu.

Tenut kont tal-fatt li l-mezzi tal-konvenut jikkonsistu biss fil-paga li jaqla' mill-impjieg tieghu u konsiderando li l-minuri jqattghu hafna hin mieghu l-gimgha shiha, il-bzonnijiet tal-attrici konsegwentement jonqsu. Inoltre, l-attrici ghandha l-kapacita' li tfittex impjieg, illum it-tfal mhumiex zghar u tal-anqas certament tista' ssib xoghol imqar fuq bazi part-time.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti sejra tikkonferma d-digriet taghha tad-29 ta' Novembru, 2022 u tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €450 fix-xahar, liema somma ghandha tithallas direttament lill-attrici f'kont bankarju indikat minnha, liema somma tinkludi fiha l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, kif ukoll nofs l-ispejjes extra-kurrikulari.

L-istess manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tfal jaghlqu tmintax-il sena, jew jibdew jahdmu jew sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrin sena jekk ikomplu jistudjaw fuq bazi full-time.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici.
2. Tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' talba attrici kif fuq imfisser fis-sottotitolu "Manteniment."

**Kontro-Talba**

1. Tichad l-ewwel kontro-talba.
2. Tichad it-tieni kontro-talba.
3. Tichad it-tielet kontro-talba,
4. Tichad ir-raba' kontro-talba.
5. Tichad il-hames kontro-talba.

L-ispejjes ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella Registratur**

**Cettina Gauci – Dep Reg**